# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Hamis 14 ta' Dicembru, 2023**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 1150/2019 JVC**

**Salvatore sive Silvio Camilleri**
**(ID 806955M)**

**vs**

**Joseph Bonavia (ID 39535M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Salvatore sive Silvio Camilleri (ID 806955M) fejn ir-rikorrent premetta u talab kif isegwi:

'Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi l-attur jipposjedi l-barriera sitwata fil-limiti tal-Gharghur accessibbli bil- vettura u bir-rigel minn passagg li jaghti ghal Triq San Gwann fil-Gharghur liema passagg kien jghaddi minn fuq ghalqa adjacenti maghrufa bhala tal-Mithna okkupata mill-konvenut.

2. Illi l-imsemmi passagg jidher fl-annessi ritratti markati dokument 'SC1' sa 'SC9'.

3. Illi recentement il-konvenut harat l-imsemmi passagg b'mod illi irrenda aktar difficli, jekk mhux addirittura impossibbli, l-access ghall-imsemmija barriera da parti tal-attur, u dan kif jirrizulta mill-anness ritratt markat 'SC10'.

4. Illi dana kollu jammonta ghal spoll vjolenti u klandestin kommess mill-konvenut a dannu tal-attur.

5. Illi ghalkemm imsejjah sabiex jisporga tali spoll u jirreintegra l-imsemmi passagg, il-konvenutbaqa' inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-attur personalment.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddikjara li l-konvenut wettaq spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur billi harat il-passagg li kien jaghti access mit-triq pubblika, ossia minn Triq San Gwann, ghall-barriera posseduta mill-attur fil-limiti tal-Gharghur kif premess u b'hekk irrenda aktar difficli, jekk mhux addirittura impossibli, tali access.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jisporga tali spoll u jirreintegra l-imsemmi passagg ghall-istat li kien fih qabel ma gie mwettaq l-ispoll da parti tal-istess konvenut, u dan entro terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa, okkorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas ta' ottemperament da parti tal-konvenut mat-tieni talba entro t-terminu lilu prefiss, tawtorizza lill-attur sabiex, a spejjez tal-istess konvenut, jaghmel hu tali xogholijiet ta' reintegrazzjoni u ripristinu, okkorendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut, li qed jigi ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni tieghu.

**DIKJARAZZJONI GURAMENTATA TAL-FATTI ta' Salvatore sive Silvio Camilleri (ID 806955M)**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi l-esponenti jipposjedi l-barriera sitwata fil-limiti tal-Gharghur accessibbli bil-vettura u bir-rigel minn passagg li jaghti ghal Triq San Gwann fil-Gharghur liema passagg kien jghaddi minn fuq ghalqa adjacenti maghrufa bhall tal-Mithna okkupata mill-konvenut.

2. Illi l-imsemmi passagg jidher fl-annessi ritratti markati dokument 'SC1' sa 'SC9'.

3. Illi recentement il-konvenut harat l-imsemmi passagg b'mod illi irrenda aktar difficli, jekk mhux addirittura impossibli, l-access ghall-imsemmija barriera da parti tal-esponenti, u dan kif jirrizulta mill-anness ritratt markat 'SC10'.

4. Illi dana kollu jammonta ghal spoll vjolenti u klandestin kommess mill-konvenut a dannu tal-esponenti.

5. Illi ghalkemm imsejjah sabiex jisporga tali spoll u jirreintegra l-imsemmi passagg, l-konvenut baqa' inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Bonavia a fol. 22 et seq li taqra kif isegwi:

'1) ILLI fl-ewwel lok u b'mod preliminari, tant sabiex jigi rispettat it-terminu perentorju u ta' dekadenza ghal tali azzjoni u cioe dik tal-actio spolii, Salvatore sive Silvio Camillieri ma ressaqx l-azzjoni tieghu fi zmien xaghrejn mill-ispoll hekk allegat minnu li sar fil-konfront tieghu da parti ta' Joseph Bonavia. Dan ghaliex ser jirrizulta b'mod car fil-mori ta' din il-kawza, illi Joseph Bonavia qatt ma gie interpellat fuq xi spoll illi kkommetta qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri kif allegatament qieghed jinghad minn l-attur fir-rikors promotur tieghu u per di piu' tali att illi qiedghed jigi definit bhala wiehed allegatament irregolari min-naha ta' Joseph Bonavia sar certament fi zmien illi ormai qabez il-perkors tax-xaghrejn zmien li fih Salvatore sive Silvio Camilleri kellu c-cans illi jiftah dawn il-proceduri odjerni, cioe dak ta' xaghrejn zmien u allura, din l-azzjoni odjerna saret fuori termine;

2) ILLI fit-tieni lok u fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u suespost, l-esponenti Joseph Bonavia qieghed jirrespingi in toto l-kawza odjerna fil-fatt u fid-dritt bil-premessi u t-talbiet kollha taghha ghaliex Salvatore sive Silvio Camilleri irid per prima cosa juri b'mod car, dirett u oggettiv x'tip ta' pussess huwa ghandu jew qatt kellu, u kif ukoll meta, fuq dan il-passagg, fuq din l-Art maghrufa bhala tal-Mithna u fuq din il-barriera illi allegatament huwa qieghed jirreferi ghaliha f'din il-kawza odjerna. L-esponenti kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, jichad kategorikament illi Salvatore sive Silvio Camilleri jipposjedi dan il-passagg jew qatt ezercita xi dritt fuqu stess, u allura dawn l-allegazzjonijiet huma kollha inveritieri, abbuzivi u ingusti fil-konfornt tal-esponenti Joseph Bonavia kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza;

3) ILLI fit-tielet lok u fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u suespost u fuq l-istess punt ta' dan l-allegat spoll, passagg u allegat pussess, ser jirrizulta b'mod car maturl il-mori ta' dan il-gudizzju illi dan ma kienx passagg fil-pussess jew ghall-uzu ta'terzi persuni independentement mill-uzu esklussiv tal-gabilott Joseph Bonavia u in oltre, wiehed irid attentament ukoll lejn il-fatt illi dan mhuwiex passagg fil-veru sens tieghu imma hija moghdija temporanja fuq il-hamrija stess illi Joseph Bonavia kien juzaha specifikament sabiex jidhol bl-ingenji tieghu minghajr ma

jgharraq il-prodott agrikolu illi regolarment minn sena ghal sena ihawwel f'tali Art in kwistjoni maghrufa bhala tal-Mithna;

4) ILLI fir-raba' lok u fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u suespost jidher u jirrizulta illi din il-lanjanza da parti tal-attur Salvatore sive Silvio Camilleri twieldet propju stante l-fatt illi huwa ressaq applikazzjoni ghal zvilupp fuq din l-Art in kwistjoni li permezz taghha qieghed jahbi veritajiet, jghawweg il-fatti u kif ukoll qieghed jigdeb fil-mod kif qieghed iressaq tali applikazzoni u processar taghha mal-Awtoritajiet koncernati kif ser jirrizulta fil-mori ta din il-kawza. Ghal dawn il-motivi, qieghed jipprova issa jiggranfa difrejh ma' realtajiet ta' drittijiet illi mhuwiex intitolat ghalihom ahseb u ara kemm vera ghandhom jigu sporgati, reintegrati jew moghtija lilu u dan kollu qieghed isir semplicement sabiex jaghmel hsara lil gabilott Joseph Bonavia, illi ilu jokkupa u jahdem din l-Art in kwistjoni maghrufa bhala il-Mithna li tinkorpora fiha wkoll din il-Barriera sa minn meta kien ghadu zaghzugh, u mhux talli hekk, izda talli tali Art in kwistjoni, kienet ukoll okkupata mil-mejjet Carmelo Bonavia li jigi missier l-esponenti qua konvenut. Il- konveut Joseph Bonavia ilu jokkupa u jahdem qatiegh din l-Art in kwistjoni li tinkorpora fiha din il-Barriera, bhala gabillott, bil-hlas regolari tal-qbiela ghal aktar minn hamsin sena u kien biss f'dawn l-ahhar sitt snin illi tali hlas tal-qbiela ma giex accettat izjed bil-konsegwenza li tali hlas kellu jigi regolarment depozitat il-Qorti.

5) ILLI allura, u finalment, meta wiehed iqis bir-reqqa l-eccezzjonijiet hekk imressqa fit-totalita' taghhom, din il-Wisq Onorabbli Qorti, ghandha tirrespingi u tichad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha mressqin minn Salvatore sive Silvio Camilleri fir-rikors promotur tieghu ghar-raguni illi dawn huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kontra l-attur Silvio Camilleri, li minn issa wkoll qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Bir-riserva wkoll ghal kull azzjoni ulterjuri illi tista' tigi ntavolata kontra l-imsemmi Silvio Camilleri skond il-Ligijiet ta' Malta.'

Rat illi fil-verbal datat 1 ta' Gunju, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent Salvatore Camilleri jsostni li huwa proprjetarju ta' barriera sitwata fil-limiti tal-Gharghur liema barriera jallega li hija accessibbli minn passagg li jaghti ghal Triq San Gwann fil-Gharghur liema passagg jghaddi minn fuq ghalqa llum ukoll proprjeta' tar-rikorrent, maghrufa bhala tal-Mithna, okkupata mill-intimat Joseph Bonavia. Ir-rikorrent jissottometti li fl-24 ta' Ottubru, 2019 huwa gie nfurmat minn terz li l-intimat kien harat dan il-passagg b'dana li ghamilha ferm aktar difficli sabiex ir-rikorrent jasal ghall-barriera bil-vetturi tieghu. Ghal din ir-raguni r-rikorrent ntavola l-kawza ta' spoll odjerna nhar l-4 ta' Dicembru, 2019 fejn talab li din il-Qorti tordna r-reintegrazzjoni tal-*istatus quo ante*.

Illi da parti tieghu l-intimat jirrespingi l-pretensjonijiet tar-rikorrent u fost ohrajn isostni li r-rikorrent la ghandu l-pussess u lanqas jissodisfa l-element tal-infra bimestre deduxisse sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll odjerna. Izid li mhux minnu li r-rikorrent ghandu xi jedd ta' passagg minn fuq l-ghalqa tieghu u li l-passagg ghall-barriera tar-rikorrent huwa minn trejqa ohra, jsostni li kwalunkwe passagg li seta' kien jigi ezericat kien wiehed temporanju u suggett ghal dak li jkun hemm imhawwel fl-ghalqa in kwistjoni. L-intimat izid li r-rikorrent qed jittenta jaghti lilu nnifsu drittijiet li m'ghandux ghaliex intavola applikazzjoni ta'

zvilupp fuq l-art li l-intimat ma jaqbel xejn maghha. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Rat ir-ritratti esebiti mar-rikors guramentat a fol. 6 et seq tal-process li juru l-barriera tar-rikorrent u li r-rikorrent isostni li juru l-passagg in kontestazzjoni ghaddej minn nofs l-ghelieqi u rat kif jidher jew ma jidhirx dan il-passagg fir-ritratti mill-ajru tul is-snin;

Rat ir-ritratti a fol. 15 li juru wkoll l-ghalqa minn fejn jghaddi l-passagg din id-darba izda mahruta. Mix-xhieda ta' bint ir-rikorrent **Nichola Mallia** a fol. 33 A et seq tal-process irrizulta li dawn ir-ritratti ttiehdu minnha nhar il-25 ta' Ottubru 2019 wara li missierha r-rikorrent gie nfurmat minn terz li kien inharat il-passagg in kwistjoni. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li meta kienet ghadha tifla hija kienet tmur ma' missierha u kienu jghaddu minn dan il-passagg permezz ta' vetturi. Tghid izda li ilha oltre minn ghaxar snin ma tmur fuq il-post u ma tuzax l-istess passagg.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Salvatore Camilleri** a fol. 34 et seq tal-process fejn fih jispjega kif huwa l-proprjetarju tal-art agrikola kollha li tinkludi l-barriera u dik okkupata mill-intimat. Jghid li l-barriera hija accessibbli bir-rigel u bil-vettura minn passagg li gie iffurmat fl-art mahduma minn Bonavia u jesebixxi ritratti mill-ajru a fol. 44 et seq tal-process sabiex jevidenzja dan. Il-Qorti rat li

dawn ir-ritratti li jidhru li jibdew mis-sena 2016 u jmorru lura verament juru l-formazzjoni tal-passagg in kwistjoni fir-raba' okkupata mill-intimat. Rat ukoll ir-ritratti annessi mal-affidavit li juru l-passagg mahdum u wkoll il-kuntratt ta' akkwist tal-proprjeta' de quo a fol. 40 et seq tal-process datat 18 ta' Frar, 2011. Dan il-kuntratt jinkludi kemm il-barriera kif ukoll l-ghalqa okkupata mill-intimat. Fil-kuntratt jissemma' li l-art hija accessibbli minn passagg li jaghti ghal Triq Hal-Gharghur. Il-pjanta a fol. 43 tal-process turi wkoll l-art akkwistata u l-passagg imsemmi. Il-kuntratt jirrikonoxxi wkoll li parti mill-art hija okkupata mill-intimat.

Illi dwar l-allegat spoll jixhed illi certu Charles Borg infurmah li l-intimat kien harat il-passagg. Izid li huwa kkonfronta lill-intimat u li dan qallu li hemmhekk tieghu u li seta' jaghmel li jrid u li ma cahadx li kien harat il-passagg. Jaghlaq l-affidavit kif isegwi:

'Nixtieq nispjega wkoll illi dan huwa l-unika access ghall-barriera u li billi issa gie mahrut sar iktar difficli sabiex jien naccedi ghall-barriera imsemmija ghaliex ikolli nghaddi minn fuq l-art okkupata minn Bonavia li tkun mahduma u b'hekk inkun qed naghmel hsara lil-ucuh tar-raba'.

Ir-rikorrent jixhed in kontro-ezami a fol. 168 et seq tal-process. Jinsisti li l-passagg kien jezisti minn fejn isostni hu meta akkwista

l-ghalqa u l-barriera. Jikkonferma li meta akkwista' l-art kien hemm l-intimat jokkupaha. Dwar il-barriera jghid li kienu juzawha sabiex jarmu l-hliefa tal-gheneb fiha u xi hgieg minhabba l-fabbrika tal-gheneb proprjeta' tieghu. Mistoqsi meta l-ahhar li sar rimi fil-barriera ma jaghtix twegiba specifika imma jghid li ilu nieqes mix-xoghol ghaxar snin (10) u li f'dawn l-ahhar ghaxar snin (10) ma dahalx jarmi hliefa jew hgieb. Jghid li gieli qala xi haxix mid-dar u jmur jarmih hemm u li sentejn ilu kien bghat lavrant bit-tank tal-fiberglass biex juzah il-quddiem ghall-hmieg taz-zwiemel. Mistoqsi fuq il-ftehim ta' tolleranza mal-*aventi causa* tieghu jghid li ma hu veru xejn. Jinsisti li l-passagg inholoq mill-familja tieghu u mhux mill-intiamt ghaliex l-ghalqa ilha fil-familja erba' generazzjonijiet. Dwar il-passagg jghid li kellu dritt u jzid:

'Anzi qabel Joseph Bonavia kien ihallas qbiela iktar, rahhasnielu ftit mill-qbiela ghax ma kienx ihalli l-ghaxar (10) piedi. Gieli wehilna bil-vannijiet. U rahhasnielu xi haga mill-kera biex inkunu nistghu nidhlu.' (fol. 172)

Izid li l-isqaq dejjem ghaddew minnu dejjem kien taghhom mhux kif qed jghid u ghamillu katnazz u issa ma jistax nidhol. Dwar dan ghamel rapport l-ghassa.

Rat ix-xhieda ta' **Marthese Debono** rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar a fol. 65 et seq tal-process li esebiet ritratti mill-ajru li

juru l-ambjent in kontestazzjoni fil-perjodu bejn is-sena 1957 sa 2016. Rat minn dawn ir-ritratti li tul is-snin tista' tghid dejjem kien jidher passagg iffurmat minn roti ta' vetturi f'nofs l-ghalqa in kwistjoni li jibqa' jwassal sal-barriera. Il-passagg jidher semplicement iffurmat bil-vetturi fuq il-hamrija stess.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Micallef** a fol. 67 et seq tal-process li jsosnti li kien jahdem mar-rikorrent u jikkonferma li kienu jibaghtuh il-barriera tar-rikorrent u sabiex jasal kien jghaddi minn Gharghur Road, Naxxar u jghaddi minn fuq l-ghalqa tal-intimat fejn gie mahrut il-passagg. Jghid izda li ilu ma jmur ghaxar snin (10) bejn wiehed u iehor. Jixhed li kien baqa' jmur il-barriera fuq xoghol sakemm kienu qalbu ghall-iskips u waqfu. In kontro-ezami jikkonferma li jaf li l-iskips dahlu fis-snin disghin. Dwar ix-xatba li twassal ghall-ghalqa fejn hemm il-passagg jghid li kienu jkunu huma li jifthuha jdahhlu idejhom u jifthu l-firroll. Jghid li damu juzaw il-barriera biex jarmu madwar ghaxar snin (10).

Rat ix-xhieda ta' **Raymond Grech** a fol. 72 et seq tal-process li wkoll isostni li kien jahdem mar-rikorrent u jikkonferma li r-rikorrent kien jibaghtu jarmi fliexken u hliefa fil-barriera. Dam impjegat mieghu madwar erbghin sena (40) u ilu bil-pensjoni bejn tmienja (8) u ghaxar (10) snin.

Rat ix-xhieda tan-**Nutar Nicholette Vella** b'referenza ghall-kuntratt ta' akkwist tar-rikorrent permezz ta' donazzjoni minghand zijuh suespost (fol. 79 et seq). Dwar il-passagg imnizzel fuq il-kuntratt issostni li hija qaghdet fuq dak li qalulha l-partijiet. Fix-xhieda ulterjuri taghha a fol. 174 et seq hija spjegat li ma ghamlitx ricerki stante li kien kuntratt ta' donazzjoni.

Rat l-affidavit tal-intimat **Joseph Bonavia** a fol. 87 et seq tal-process. Huwa jsostni li fil-vicinanzi ta' din l-ghalqa' missieru kellu ghelieqi ohra bi proprjeta'. Jixhed li jiftakar li l-ghalqa in kwstjoni maghrufa bhala 'tal-Mithna' kienet ghand certu Carmelo Cortis u li din kellha passagg minn Triq Gharghur in-Naxxar bir-rigel biss u mhux bil-vettura. Din l-ghalqa giet fil-pussess ta' missieru fis-sena 1972 u peress li din tmiss ezatt mal-ghelieqi taghhom missieru kien fetah passagg fiha biex jghaddi bil-vetturi direttament mit-trejqa li gia kienet taghhom u li tghaddi minn Triq San Gwann fil-Gharghur biex jevita li joqghod idur. Izid li *l'aventi causa* tar-rikorrent, Dun Alwig Camilleri, fis-sena 1981 kien avvicina lil missieru u talbu jaghmillu pjacir u jtih permess temporanju sabiex huh Guzeppi Camilleri jibda jghaddi minn dan il-passagg bil-vann sabiex jasal ghall-barriera biex jarmu xi zibel tal-fabbrika tal-inbid fiha u dan stante li l-passagg gia kien ffurmat u wzat minn missieru stess. Izid li missieru kien qabel li jtih dan il-permess temporanju izda saret kitba dwar dan fil-ktieb tal-kera

kif jidher fid-dokument a fol. 94 tal-process. Il-Qorti rat li fl-ircevuta datata l-1 ta' Settembru 1981 jinghad kif isegwi:

'Iz-zewg liri differenza Lm2 qed ihallashom Giuzeppi Camilleri dment li jibqa' jarmi fil-barriera.'

Jispjega li Guzeppi Camilleri jigi missier ir-rikorrent. Izid li minhabba bidla fil-ligijiet li habba fihom ma setghax jibqa' jsir rimi fil-barrieri, l-irdim f'din il-barriera waqaf fis-sena 85.

Ikompli li meta missieru beda jikber huwa dawwar il-qbiela f'ismu. Meta waqaf l-irdim fil-barriera huwa beda jhalli jew ma jhallix il-passagg fl-ghalqa skont il-bzonn tal-prodott li kien ihawwel fl-istess ghalqa u qatt ma kellu problemi dwar dan ma' Guzeppi Camilleri jew is-sid Dun Alwig Camilleri.

L-intiamt jasal ghas-sena 2019 fejn jixhed li nduna li r-rikorrent kien intavola applikazzjoni ta' zvilupp fuq is-sit biex isiru xi stallel u b'hekk sar jaf li kien sar is-sid il-gdid tal-ghalqa u l-barriera. Isostni li ghalkemm ir-rikorrent sar is-sid, din dejjem baqghet suggetta ghall-qbiela favur tieghu liema qbiela ilha tezisti l-fuq minn hamsin (50) sena. Jemfasizza li d-dritt ta' passagg tar-rikorrent mhux minn fuq it-trejqa taghhom ghal fuq l-ghalqa bi qbiela ghandhom izda hija minn trejqa li taghti ghal Gharghur

Road, filwaqt li t-trejqa taghhom taghti ghal St. John Street fil-Gharghur.

Dwar il-passagg jghid li minn meta missier ir-rikorrent Joseph Camilleri u l-haddiem tieghu ma baqghux jaghmlu uzu mill-passagg in kwistjoni, missieru u hu komplew jaghmlu uzu minnu u hartuh kemm-il darba mill-gdid skont il-bzonn li kien ikollhom fl-ghalqa f'dak il-perjodu tas-sena partikolari. Dwar is-sena 2019 jghid li kien behsiebu jizra' l-qamh fl-ghalqa ghalhekk bilfors kellu jahrat l-ghalqa mill-gdid. Biex jahrat l-ghalqa dejjem jistenna li taghmel hafna xita biex ikun aktar facli li jahdem il-hamrija. Jipprezenta dokument (fol. 148) li juri li f'Settembru 2019 ghamlet hafna xita bejn l-1 u l-10 ta' Settembru, 2019 u jsostni li allura huwa harat l-ghalqa nhar il-15 ta' Settembru, 2019. Jaghlaq l-affidavit billi jsostni li r-rikorrent qed jaghmel minn kollox sabiex jipprova jkecci lilu mill-ghalqa biex ikun jista' jizviluppaha fi stallel.

Rat ir-ritratti u d-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess affidavit.

L-intimat jixhed in kontro-ezami a fol. 186 et seq tal-process. Dwar il-qbiela jghid li qabel kien ihallasha lil Dun Alwig u issa qed jitfaghha l-Qorti. Dwar kemm ihallas qbiela jghid li kienu jhallsu tmien liri Maltin (Lm 8) u nizlu sitt liri Maltin (Lm 6) minn

meta beda jidhol jarmi z-zibel u gew sitta u baqghu ihallsu sitt sal-lum. Jinsisti li Dun Alwig iz-zewg liri (Lm 2) hafirhomlu biex ikun jista' jidhol jarmi mhux biex iwessa' l–passagg. Jaqbel li z-zewg liri (Lm 2) baqghu ma jithallsux sal-lum. Jghid li minn meta saret il-kawza il-passagg ma regax sar ghaliex qed jaghmluh qamh. Jikkonferma li l-passagg hu hartu u gieli qabbad in-nies. Jghid li fis-sena 2019 fil-15 ta' Settembru kienet ghamlet ix-xita u harat l-ghalqa. Jinsisti li l-ftehim dwar iz-zewg liri (Lm 2) kien sar bejn missieru u Dun Alwig u li dan kien sabiex ikun jista' jidhol jarmi. Jinsisti li r-rikorrent u l-haddiema tieghu ilhom ma jarmu fil-barriera hamsa u tletin (35) sena.

Rat l-affidavit ta' **Victor Bonavia** (fol. 96 et seq) hu l-intimat u ta' ulied l-intimat **Mario Bonavia** (fol. 156) u **Joe Bonavia** (fol. 151) li tista' tghid ilkoll jirrepetu u jinnkonfermaw dak li xehed l-intimat fl-affidavit tieghu. Rat ukoll l-affidavit ulterjuri ta' Victor Bonavia li jipprezenta dokumentazzjoni li turi li l-Green Skips Malta dahlu fis-sena 1992 sabiex juri z-zmien li nbidlet il-ligi u kien sar illegali li jsir rimi fil-barrieri.

Victor Bonavia xehed in kontro-ezami a fol. 194 tal-process. Jghid li l-ftehim taz-zewg liri (Lm 2 )sar fis-sena 1981 u kien biss dment li jibqa' jidhol jarmi z-zibel. Ikompli li minn dak iz-zmien 'l hawn, Dun Alwig li kien is-sid flok ir-rikorrent, kien hallihom dak iz-zewg liri Maltin (Lm 2) gratis. Jinsisti li huh kien baqa'

jiddepozita l-Qorti sitt liri (Lm 6) ghaliex Dun Alwig hafirhomlhom. Jghid li Dun Alwig ilu mejjet sitt snin. Jixhed li l-ftehim taz-zewg liri (Lm 2) kien missieru li gieghel lil Dun Alwig jiktbu fil-ktieb tal-qbiela. Dwar li Dun Alwig hafer iz-zewg liri (Lm 2) lil missieru jixhed li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub. Jinsisti izda li bil-kelma zgur li hafirhomlu lil missieru ghax jemfasizza li dawn ilhom ma jidhlu hamsa u tletin sena (35) hemmhekk. A fol. 200 jixhed:

'Ghax missieri ghamillhom pjacir lil Joseph Camilleri. Ghamillu pjacir li ihallih jidhol minn sqaq taghna, St. John Street, fih xi mitt metru boghod, biex ikun jista' jidhol go din l-ghalqa li qieghda bi qbiela ghand missieri kienet u issa qieghda ghand hija, Tal-Mithna, li ghandna l-kawza fuqha. Allura, cedielu, dik it-tolleranza, biex ihallihom jghaddu u jdejquna . . minn sqaq taghna . . '

u jikkonferma li ta' dan il-pjacir il-qbiela naqset b'zewg liri (Lm 2) u ghadha mnaqqsa hekk sal-lum.

Mario Bonavia xehed in kontro-ezami a fol. 208 et seq tal-process. Jikkonferma li l-qbiela giet imnaqqsa minn tmien liri (Lm 8) u sitt liri (Lm 6) u li missieru l-intimat ghadu sal-lum ihallas sitt liri (Lm 6). Jinsisti li z-zewg liri (Lm 2) kienu mnaqqsa skont il-kitba tal-qbiela tas-sena 1981 sakemm Giuseppi Camilleri jibqa' jarmi fil-

barriera.  Mistoqsi x'jaf dwar it-tnaqqis fil-kera jghid li kien gia ilu jghin lil nannuh ghaxar snin f'din ir-raba' meta bdew jidhlu t-trakkijiet jarmu fil-barriera u huma ma hadux pjacir.  Izid li meta staqsa lil nannuh dan qallu:

' . . bi ftehim ma' Dun Alwig.  Ghax habib tieghi hafna.  Insomma, irrangaw, u spjegalna kollox.  Li minn tmien liri naqqaslu zewg liri fil-qbiela sakemm jidhol jarmi.  Sa wara certu zmien, waqfu u ilhom iktar minn hamsa u tletin sena ma jidhol 'l hemmhekk issa.' (fol. 211)

Iben l-intimat Joe Bonavia xehed in kontro-ezami a fol. 212 et seq tal-process. Xehed li missieru jghidlu li sal-lum ghadu jhallas il-qbiela mnaqqsa ta' sitt Liri (Lm 6) billi jiddepozitahom il-Qorti.

Rat l-affidavit tal-**Perit Valerio Schembri** a fol. 183 et seq tal-process.  Isostni li ilu jservi ta' Perit tal-intimati ghal hafna snin.  Skonthu l-isqaq li jwassal ghall-passagg huwa prorpjeta' tal-intimati mhux tar-rikorrent.  Jghid li kien hu li r-rapprezenta lill-intimat u hutu bhala 'objectors' fl-applikazzjoni ta' zvilupp tas-sit.  Jinsisti li l-passagg fuq l-ghalqa in kwistjoni mhux wiehed permanenti u jinharat skont il-bzonn tal-ghalqa fis-sena partikolari.  In kontro-ezami jirrizulta li huwa xehed dwar dak li qalulu l-ahwa Bonavia.  Izid li darba mar fuq il-post u ra li l-passagg ma kienx hemm ghaliex kien hemm il-qamh mizrugh.

Izid li kieku l-passgg ma kienx ikun mahrut regolarment kien ikun difficli li dan taqbad u tahartu ghaliex jingema l-gebel. Jixhed ukoll li difficli tistabilixxi fejn kien il-passagg ghaliex jiddependi minn fejn tghaddi fuq il-hamrija bit-trakk. Ikompli li f'uhud mir-ritratti mill-ajru l-passagg rah.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi

mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta'

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]':

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha*

---

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawza odjerna hija wahda ta' meru spoll, fil-fatt il-partijiet fl-atti ressqu provi li aktar huma f'posthom fil-kamp petitorju bejniethom u mhux fil-kawza odjerna. Il-Qorti ser taghmel analizi tal-provi mressqa quddiemha fil-limitazzjoni tal-gurisdizzjoni taghha fil-kawza odjerna ghal dak li hu l-allegat spoll li skont ir-rikorrent jikkonsiti f'li gie mahrut passagg fil-hamrija li kien iservi sabiex hu jghaddi bil-vannijiet sal-barriera proprjeta' tieghu.

Illi minn analizi tal-provi suesposti l-Qorti tinnota li certament fil-kaz odjern jippekka f'mill-anqas wiehed mir-rekwiziti li trid il-ligi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll u dan huwa fil-pussess tal-passagg in kwistjoni favur ir-rikorrent. Mill-atti jirrizulta li l-passagg in kwistjoni, ghalkemm verament kien uzat mir-rikorrent, missieru u haddiema taghhom sabiex jghaddu bil-vannijiet jaslu sal-barriera biex jarmu, effettivament irrizulta li dan il-passagg ilu snin twal ma jintuza ghal dan l-iskop. Skont ix-xhieda haddiema mressqa mir-rikorrent stess, ilu mill-anqas ghaxar snin (10) ma jsir uzu minnu, filwaqt li, x-xhieda mressqa mill-intimat isostnu li dan l-uzu ilu ma jsir madwar hamsa u tletin (35) sena. In oltre, r-rikorrent stess sostna li l-ahhar li uza l-passagg kien sentejn qabel meta suppost bghat haddiem iwassal tank fejn il-barriera. Il-bqija ma tressqet l-ebda prova ohra konvincenti dwar l-uzu ta' dan il-passagg mir-rikorrent fis-snin recenti.

Illi in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li fl-atti odjerni, ghalkemm tressqu bosta provi, ma tressqux provi bizzejjed sabiex jevidenzjaw sal-grad rikjest mil-ligi, cioe' dak tal-probabbli, li meta gie mahrut il-passagg in kwistjoni r-rikorrent kellu l-pussess jew almenu l-mera detenzjoni tal-istess passagg anzi rrizulta pjuttost bil-kontra u cioe' li r-rikorrent kien ilu snin ma jaghmel uzu minn dan il-passagg. Dan ma jfissirx li l-passagg ma kienx hemm anzi l-Qorti temmen li bhala passagg kien ikun hemm ghaliex kien ikun l-istess intimat li jiffurmah stagjonalment skont il-bzonn tal-ghalqa w'ghalhekk dan jidher fuq bosta mir-ritratti mill-ajru.

Ghaldaqstant in vista li l-element tal-*possedisse* ma giex sodisfatt, il-Qorti tqis li jkun pjuttost futli li tidhol fl-elementi l-ohra, ghalkemm, tissottometti li dwar l-*infra bimestre deduxisse* mill-atti johrog ukoll dubju kbir dwar jekk il-kawza gietx miftuha entro t-terminu tax-xahrejn b'dana li probabilment il-kaz kien ser ifalli wkoll minn dak il-lat. In vista tas-suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Din id-decizjoni hija minghajr pregudizzju ghad-drittijiet petitorji bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u stante li ma rriżultax sodisfatt l-element tal-pussess favur ir-rikorrent, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent u bir-riserva kif mitluba mill-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta' Diċembru,2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**14 ta' Diċembru, 2023**